DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Lulju 2016

dwar il-liċenzjar bħala sors miftuħ tas-softwer tal-Ġestjoni tad-Dejta dwar is-Sajd Integrat tad-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd

(2016/C 252/03)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Settembru 2001 (PV1536) li tikkonferixxi s-setgħa fuq id-Diretturi Ġenerali u fuq il-Kapijiet tas-Servizzi li jiddeċiedu dwar il-ħtieġa li tiġi rreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jirriżultaw mill-attivitajiet jew mill-programmi li jkunu responsabbli minnhom, dwar l-għotja ta' liċenzji marbuta ma' din, dwar l-akkwist, it-trasferiment jew iċ-ċediment jew l-abbandun tad-drittijiet, u tagħti s-setgħa tal-eżekuzzjoni amministrattiva marbuta ma' dan lid-Diretturi Ġenerali,

Billi:

(1) Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (id-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd) żviluppa bosta sistemi ta' informazzjoni li jappartjenu għall-pakkett tas-softwer tal-Ġestjoni tad-Dejta dwar is-Sajd Integrat (IFDM) ibbażat fuq l-istandard FLUX taċ-Ċentru tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iffaċilitar tal-Kummerċ u għan-Negozju Elettroniku (UN/CEFACT), għat-tpartit elettroniku tad-dejta dwar l-attivitajiet tas-sajd;

(2) Is-suite tal-IFDM attwali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ is-softwer) fih is-sistemi ta' informazzjoni li ġejjin: Il-FLUX Transportation Layer għat-tpartit tal-messaġġi elettroniċi skont l-istandard tal-UN/CEFACT, l-għodda tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti tal-Unjoni (Union Vessel Monitoring System - VMS) għall-monitoraġġ tal-pożizzjonijiet tal-bastimenti, u li għaliha d-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd żviluppa tliet moduli (Spazjali, tar-rappurtar, u USM) u l-VMS ERS Viewer, li jżid il-funzjonalità tal-viżwalizzazzjoni tal-ġurnali ta' abbord elettroniċi mal-VMS tal-Unjoni fil-format UN/CEFACT;

(3) Il-liċenzjar tas-softwer bħala sors miftuħ jista' jkun ta' benefiċċju għall-armonizzazzjoni dinjija tat-tpartit tad-dejta dwar is-sajd u jippermetti li jiġu ffrankati l-ispejjeż. Għaldaqstant, id-distribuzzjoni tal-għodod tas-softwer għandha ssir disponibbli għall-Istati Membri, għal pajjiżi terzi, għall-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Monitoraġġ tas-Sajd, u għall-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti;

(4) Fir-rwol tiegħu tad-DĠ responsabbli mill-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-softwer, li fl-istess ħin huwa s-servizz fdat għall-eżekuzzjoni amministrattiva tad-deċiżjonijiet fil-qasam tal-Proprjetà Intellettwali, id-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd huwa tal-fehma li l-liċenzjar b'sors miftuħ tas-softwer huwa xieraq u opportun;

(5) Biex is-softwer jiġi ddistribwit, biex l-użu tiegħu jiġi promoss, u biex tiġi evitata l-approprjazzjoni esklussiva tiegħu, is-softwer se jinħareġ b'liċenzja b'sors miftuħ,

IDDEĊIEDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Jistgħu jiġu applikati termini ta' liċenzjar b'sors miftuħ għad-distribuzzjoni tas-sofwer biex dan ikun jista' jintuża, jiġi replikat, żviluppat u ddistribwit iżjed.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni se tapplika għal kull ħarġa jew verżjoni ġdida ta' dan is-softwer fil-futur.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Lulju 2016.

Għall-Kummissjoni

João AGUIAR MACHADO

Direttur Ġenerali